MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 25/2006/1

**L-avukat Dr Chris Said bħala mandatarju tal-imsiefra Catherine Schwarha u Angelo Abela**

**v.**

**Mary Abela kemm f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja
tal-imsiefra ħuha Joseph Abela u Rita Xuereb u George Albert Abela**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

Dan huwa appell *ad istanza* tal-konvenuta Mary Abela f'isimha proprju kif ukoll bħala mandatarja tal-imsiefra ħuha Joseph Abela u Rita Xuereb u George Albert Abela li permezz tiegħu qegħdin jitolbu lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjur, Sezzjoni Ġenerali, ta' nhar id-29 ta' Frar 2008 billi filwaqt li jiġu milqugħa t-talbiet attrici, fir-rigward tat-tieni talba tal-atturi appellati fejn qegħdin jitolbu li tiġi likwidata l-leġittima, dan għandu jsir fuq il-valuri li l-immobbli kellhom meta nfetħet is-successjoni ta' Maria Antonia Abela u Carlo Abela.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:
"Il-Qorti,

"**Sehem rizervat minn wirt (legittima) – Kawza li jittratta wirt ta' qabel dahlu fis-sehh l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004 – meta testatur jiddisponi mill-gid kollu permezz ta' legati.**

"Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Marzu 2006 li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu:

"Maria Antonia Abela mart Carlo Abela, bint Giuseppi Cefai u Maria xebba Cini, mietet f'Victoria, Ghawdex fl-4 ta' Frar, 1997.

"Carlo Abela armel ta' Maria Antonia Abela iben Angelo u Caterina xebba Formosa, miet gewwa Victoria, Ghawdex fl-24 ta' Frar 2003.

"Carlo u Maria Antonia konjugi Abela rregolaw is-successjoni taghhom permezz ta' sitt testmenti li saru kollha fl-atti tan-nutar Michael Refalo u jgibu d-dati tal-21 ta' Awwissu 1985, 28 ta' Awwissu 1985, 22 ta' April 1987, 9 ta' Ottubru 1987, 11 ta' Awwissu 1988, u 13 ta' Settembru 1996.

"L-atturi Cathrine Schwarha u Angelo Abela huma wlied Carlo u Maria Antonia konjugi Abela. Il-konjugi Abela

kellhom sitt ulied li huma z-zewg atturi u l-erbgha konvenuti, Mary Abela, George Albert Abela, Rita Xuereb u Joseph Abela.

“L-atturi ma accettawx id-disposizzjonijiet testamentarji tal-genituri taghhom u jridu li tigi likwidata u assenjata lilhom il-legittima.

“Ghalhekk talbu li l-Qorti:

“1. Tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmija Carlo u Maria Antonia konjugi Abela jekk hemm bzonn permezz tal-hatra ta’ perit tekniku.

“2. Tillikwida l-legittima spettanti skond il-ligi lill-atturi Cathrine Schwarha u Angelo Abela.

“3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jassenjaw lill-atturi l-istess legittima hekk likwidata bil-frutti skond il-ligi ghas-saldu tad-drittijiet taghhom mill-assi ereditarji tal-genituri taghhom Carlo u Maria Antonia konjugi Abela.

“4. Jekk ikun hemm bzonn tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportune f’dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti bl-intervent ta’ kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci jekk ikun hemm bzonn.

“5. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjez ta’ din il-kawza u tal-ittri ufficjali u ittri interpellatorji kollha li ntbaghatu.

“Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuta Mary Abela (fol. 23-24) li permezz taghha ddikjarat:

“1. Li hi tqabel mal-ewwel erbgha (4) paragrafi tar-rikors guramentat tal-attur.

“2. Dak li l-atturi jiddikjaraw fil-hames paragrafu taghhom mhuwiex konfortat minn ebda prova guridikament ammissibbli. Di fatti jekk ir-rikorrenti ‘ma accettawx’ l-ereditajiet tal-genituri dan kellhom jaghmluh

kif provdut fl-Artikolu 860 tal-Kodici Civili, b'dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-qorti ta' gurisidizzjoni volontarja. Dan ma jirrizultax li sar.

“3. L-atturi ma talbux il-likwidazzjoni tal-eredita` ta' ommhom Maria Antonia Abela, li mietet fl-4 ta' Frar u ma talbux u ma ppruvawx illi l-legittima li ghaliha huma intitolati ta' wahda minn tnax (1/12) il-parti ta' dik l-eredita` sofriet lezjoni mid-disposizzjonijiet ta' ommhom Maria Antonia Abela.

“4. Minghajr pregudizzju, l-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda l-eredita` ta' missierhom Carlo Abela li miet sitt (6) snin wara martu fl-24 ta' Frar 2003. Ma ntalbitx il-likwidazzjoni ta' din l-eredita` u ghalhekk lanqas ma jista' jigi stabbilit jekk kien hemm lezjoni tal-legittima li kienet tispetta lil kull wiehed mill-partijiet b'dak li gie lilhom mholli minn missierhom.

“5. Dawn in-nuqqasijiet fir-rikors guramentat tal-atturi jfissru li dan ir-rikors huwa irritu u null u ghalhekk ma jistax ikompli miexi.

“6. Wara dawn l-eccezzjonijiet preliminary, l-konvenuti jirrizervaw li jaghmlu l-provi taghhom fil-mertu jekk u meta din il-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-ewwel oggezzjonijiet taghhom mhumiex fondati fid-dritt.

“Rat li l-konvenut George Albert Abela minkejja li gie notifikat (fol. 4 a tergo) bir-rikors guramentat, ma pprezentax risposta guramentata.

“Semghet ix-xhieda.

“Rat l-atti kollha nkluz ir-rapport tal-perit tekniku Mario Cassar li gie prezentat fl-20 ta' April 2007 (fol. 34) wara l-inkarigu moghti lilu b'digriet tal-14 ta' Settembru 2006.

“Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat id-digriet moghti fit-13 ta’ April 2008 li bih il-konvenuta Maria Abela giet ordnata sabiex permezz ta’ nota tiddikjara jekk hijiex ukoll tidher f’isem il-konvenuti Joseph Abela u Rita Xuereb.

“Rat in-nota prezentata fit-22 ta’ Frar 2008 li permezz taghha l-konvenuta Mary Abela ddikjarat li ***“qeghda tidher ukoll f’isem il-konvenuti Joseph Abela u Rita Xuereb”***.

“Rat in-noti ta’ sottomissjonjiet prezentati mill-partijiet.

“Ikkunsidrat:-

“1. Permezz ta’ dawn il-proceduri l-atturi qeghdin jitolbu l-legittima mill-ereditajiet tal-genituri taghhom Maria Antonia Abela u Carlo Abela. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

“(a) Maria Antonia Abela mietet fl-4 ta’ Frar 1997 (fol. 5) filwaqt li Carlo Abela miet fl-24 ta’ Frar 2003 (fol. 6);

“(b) Id-decujus kellhom sitt itfal, cjoe’ l-kontedenti – Cathrine Schwarha, Angelo Abela, Mary Abela, Joseph Abela, Rita Xuereb u George Albert Abela.

“(c) Il-wirt tal-konjugi Abela hu regolat minn sitt (6) testmenti, 21 ta’ Awwissu 1985 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 7), 28 ta’ Awwissu 1985 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 10), 22 ta’ April 1987 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 12), 9 ta’ Ottubru 1987 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 14), 11 ta’ Awwissu 1988 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 16) u testment tat-13 ta’ Settembru 1996 fl-atti tan-nutar Michael Refalo (fol. 18).

“(d) Permezz ta’ nota prezentata fl-10 ta’ Awwissu 2006 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja (fol. 30), l-atturi ddikjaraw li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-wirt tal-genituri taghhom u jirrizervaw id-dritt ghall-legittima (sehem rizervat).

"(e) Fir-rapport imhejji mill-perit tekniku il-proprjetajiet li gew indikati bhala formanti parti mill-assi ereditajiet tal-genituri huma (fol. 35):-

- "Porzjon art fi Triq Qala, Nadur, Ghawdex ta' cirka mija u wiehed u tletin metri kwadri (131 m2) fejn jirrizulta li hemm mibni l-fond numru tmienja u ghoxrin (28);

- "Dar numru tlieta u disghin (93), Racecourse Street, Nadur, Ghawdex;

- "Porzjon art fi Triq Dun Guzepp Vella, Nadur, Ghawdex ta' cirka hames mija u wiehed u tletin metri kwadri (531m2) li fuq parti minnha hemm garaxx bil-mandra. Il-perit irrelata li *"dawn iz-zewg proprjetajiet huma fil-fatt l-istess proprjeta', bil-garaxx jaghmel parti minn porzjoni ta' art fabrikabbli, li qieghedha f'zona ta' bini ta' zewg sulari. Il-garaxx fih 3.8 metri u 10.2 metri fondi. L-arja superficjali inkluz il-garaxx tammonta ghal-cirka 510 metri kwadri. Il-proprjeta' hija libera u franka"* (fol. 37).

"Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007 (fol. 55) saret dikjarazzjoni fis-sens li ***"Il-partijiet qeghdin jaqblu li l-assi relevanti ghal dawn il-proceduri huma dawk elenkati fir-rapport tal-perit"***.

"2. Jibda biex jinghad li fis-7 ta' Frar 2008 il-konvenuta Maria Abela pprezentat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri li biha eccepiet li fir-rigward tat-talba tal-atturi ghall-hlas tal-legittima (sehem rizervat) skond l-Artikolu 620(5) tal-Kodici Civili:-

*"(5) Il-persuna li jkollha jedd ghas-sehem rizervat ghandha tiehu akkont tas-sehem taghha kull beni mhollija lilha b'testment u ma tista' tirrinunzja ghal ebda disposizzjoni testamentarja favur taghha u titlob is-sehem rizervat, sakemm dik id-disposizzjoni testamentarja ma ssirx f'uzufrutt jew tkun tikkonsisti fil-jedd ta' uzu jew abitazzjoni, jew tkun tikkonsisti f'renta vitalizja jew renta ghal zmien limitat"* u peress li skond it-testment tat-13 ta' Settembru 1995 fl-atti tan-nutar Dr. Michael Refalo, il-

genituri hallew lill-atturi s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000), l-atturi ma setghux jirrinunzjaw ghall-eredita` u jitolbu s-sehem rizervat.

"Din l-eccezzjoni giet prezentata wara li kien ghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza (ara verbal tat-8 ta' Jannar 2008). Jibda biex jinghad li din il-Qorti fl-ebda stadju ma giet mitluba sabiex tawtorizza lill-konvenuta Maria Abela biex tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri u dan kontra dak li jiddisponi l-Artikolu 728(2) tal-Kap. 12. F'kull kaz irid jigi osservat li dan il-provvediment dahal fis-sehh bl-emendi li gew introdotti bl-Att XVIII tal-2004 permezz ta' Artikolu 61. Skond id-disposizzjoni tranzitorja[1] ta' dan l-Att:-

*"The provisions of articles 53, 54, 57, 58, 59, 60, **61**, 62, 63, 65, 66, 67, 68, 71, 72, 73, 74, 75, 81, 86, 87, 89, 90, 91, 92, 93, 94, 95, 96, 97, 98, 99, 100, 101 and 102 shall, saving the provisions of subarticle (2) of article 1 of this Act, **apply to successions taking effect after the said articles are brought into force**"*.

"Din id-disposizzjoni ma tapplikax fil-kaz odjern in kwantu Maria Antonia Abela mietet fl-4 ta' Frar 1997 filwaqt li zewgha Carlo Abela miet fl-24 ta' Frar 2003, meta allura kienu ghadhom ma dahlux fis-sehh il-provvedimenti tal-Att XVIII tal-2004. Ghalhekk hi x'inhi l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-disposizzjoni, ghal dan il-kaz ma tapplikax. Ghalhekk bla pregudizzju ghal dak li nghad, certament li din l-eccezzjoni m'hijiex flokha.

"3. Il-konvenuti eccepew li m'hemmx prova li l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt u li dan kellu jsir skond l-Artikolu 860 tal-Kodici Civili li jaqra:-

*"**860.** (1) Ir-rinunzja ghal wirt ma tistax tkun prezunta.*

*"(2) **Ir-rinunzja tista' ssir biss** b'dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja fil-gzira fejn il-mejjet kien joqghod fiz-zmien tal-mewt tieghu".*

---

[1] Artiklu 116(2).

"Skond il-konvenuta Mary Abela, dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' tar-rikors guramentat. Pero` rajna kif fl-10 ta' Awwissu 2006 (cjoe' fil-mori ta' dawn il-proceduri) l-atturi pprezentaw dikjarazzjoni minn fejn jirrizulta pruvat li rrinunzjaw ghall-eredita` tal-genituri taghhom u fl-istess hin zammew ferm id-dritt taghhom ghal-legittima. Rinunzja ghall-wirt tista' ssir biss b'dan il-mod[2]. Madankollu kif tajjeb inghad fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Saverio Fava vs Elisabetta Camilleri et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Dicembru 1954 (Vol. XXXVIII.ii.612), fejn ir-rinunzja ssir fil-mori tal-proceduri l-kawza m'hijiex intempestiva u dan in forza tal-principju ta' *jus superveniens*. In-nota ta' rinunzja tal-wirt giet esebita fil-process u fic-cirkostanzi l-Qorti ma tarax li l-eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi sostnuta.

"4. Permezz tat-tielet u raba' eccezzjoni l-konvenuta Maria Abela ddikjarat li ma ntalbitx il-likwidazzjoni tal-eredita` tal-genituri u lanqas ma talbu u ma gie ppruvat li kien hemm xi lezjoni mid-disposizzjoni testamentarja ta' ommhom Maria Antonia Abela. Il-Qorti tirrileva li l-ewwel talba tal-atturi hi proprju sabiex il-Qorti ***"tillikwida l-assi ereditarji tal-imsemmija Carlo u Maria Antonia konjugi Abela jekk hemm bzonn bil-hatra tal-perit tekniku"*** (fol. 2). M'hemmx dubju li sabiex tkun tista' ssir likwidazzjoni tas-sehem rizervat trid issir likwidazzjoni tal-assi. Fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Camilleri nomine vs Avukat Dottor Carmelo Zammit et nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1939 (Vol. XXX.i.363) gie sottolinejat ghal ghalkemm hemm bzonn li jigu likwidati l-assi, ***"izda ghal dan il-fini ma hemmx bzonn ta' talba specjali……."***. Ghal dik li hi ndagni biex wiehed jistabilixxi jekk kienx hemm lezjoni tal-porzjon disponibbli, kollox jiddependi mill-provi li jitressqu. M'hemmx dubju wkoll li ghal finijiet ta' likwidazzjoni tas-sehem rizervat jista' jkun hemm bzonn li ssir ir-riduzzjoni ta' donazzjonijiet u legati. Dawn l-eccezzjonijiet huma ghalhekk ukoll

---

[2] *"Min jigi istitwit eredi b'testment, ma jistax jitlob il-legittima minflok l-eredita` qabel ma jkun irrinunzja ghall-eredita` u zamm il-legittima"* (**Michele Azzopardi proprio et nomine v. Antonia Mangion et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 1946 (Vol. XXXII.i.423).

infondati u kuntrarjament ghal dak li jsostnu l-konvenuti, m'hemmx nullita.

"5. Ghal dak li hu l-meritu, id-decujus iddisponew mill-gid taghhom permezz ta' legati. Mid-diversi testmenti li ghamlu[3] u mill-provi li tressqu, jirrizulta li l-proprjeta` tikkonsisti:-

"(a) Fondi 93, Racecourse Street, Nadur u 28 Qala Road, Nadur thallew lill-konvenuta Maria Abela (Artikli 2 u 3 tat-testment tat-13 ta' Settembru 1996 atti nutar Dr. Michael Refalo – fol. 18).

"(b) Garaxx fi Triq Dun Guzepp, Nadur thalla lil George Abela (Artiklu 3 tat-testment datat 11 ta' Awwissu 1988 atti nutar Dr. Michael Refalo– fol. 16).

"(c) Porzjon art ta' cirka 265 metri kwadri fi Triq Dun Guzepp, Nadur thalliet lill-konvenuta Rita Xuereb (Artiklu 4 tat-testment tal-11 ta' Awwissu 1988 atti nutar Dr. Michael Refalo – fol. 16). Din l-art hi dak li fadal mill-kejl ta' hames mija u ghaxar metri kwadri (510mk), in kwantu fuq in-nofs l-iehor inbena l-garaxx imsemmi f'paragrafu (b).

"Fl-ewwel testment li kienu ghamlu l-konjugi Abela, tissemma wkoll art ta' Gnien Musfar limiti Nadur u li thalliet b'legat lill-attur Angelo Abela. Pero` fl-istadju li saret il-perizja din il-proprjeta` ma gietx indikata bhala wahda mill-proprjetajiet formanti parti mill-ereditajiet (ara fol. 35) u sahansitra, kif rajna, fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2007 gie ddikjarat li ***"il-partijiet qeghdin jaqblu li l-assi relevanti ghal dawn il-proceduri huma dawk elenkati fir-rapport tal-perit"*** (fol. 55). Fir-rapport tal-perit tekniku din il-proprjeta` tissemma fit-testmenti, pero mbaghad elenka l-proprjeta` li skond il-konvenuta Mary Abela huma meritu tal-kawza u l-art ta' Gnien Musfar, limiti tan-Nadur ma tissemmix (fol. 35). Inoltre, fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* li ghamlet il-konvenuta Mary Abela [Maria Antonia

[3] Ara wkoll dikjarazzjonijiet *causa mortis* li saru fit-2 ta' Awissu 1997 u fis-6 ta' Lulju 2003 atti nutar Mariosa Grech, mill-konvenuta Maria Abela.

Abela fit-2 ta' Awwissu 1997 atti nutar Mariosa Grech (fol. 62-65) u Carlo Abela fis-6 ta' Lulju 2003 atti nutar Mariosa Grech (fol. 66-68)], din il-proprjeta` ma gietx inkluza. Il-partijiet iridu japprezzaw li l-oneru tal-prova hu fuqhom u l-Qorti hi kostretta li tiddecidi skond il-provi li jitressqu. Il-Qorti qeghda tifhem ukoll li l-immobbli kienu kollha jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet tezisti bejn Carlo u Maria Antonia konjugi Abela[4].

1. Ghal dak li huma principji relatati ma' hlas tas-sehem rizervat (legittima), hu maghruf li:

"i. *"Illi d-dritt assolut tad-disposizzjoni tal-proprjeta' huwa limitat mill-fakolta' ta' xi disposizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun halla superstiti certi parenti. F'dana s-sens il-kapacita' tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-ghaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun gie nieqes mill-beni tieghu kollha, izda minn parti minnhom biss. Fi kliem iehor, apparti l-limitazzjoni dwar certi persuni, il-kapacita' u l-fakolta' tad-disposizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-ahhar volonta' hija wkoll limitata ghall-kwantita' tal-beni. Dina l-kwantita' tiddependi minn kemm mil-likwidazzjoni tal-patrimonju ghandu matematikament jikkomponi sew il-parti disponibbli……"* (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Mejju 1950 – Vol. XXXIV.ii.574).

"ii. *"il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet"* (Artikolu 615 tal-Kodici Civili); *"Il-legittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredita'; huwa biss ghandu porzjoni mill-beni li halla d-decujus li hija rizervata lilu mil-ligi"* (**Carmela Farrugia noe. et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 1949 – Vol. XXXIII.472);

"iii. Il-legittima hi dovuta ***in natura*** (**Vol. XXVII P I p 451; Vol. XXXVIII P II p 551**), "*in piena proprieta` senza*

[4] Artikolu 1321 tal-Kodici Civili jipprovdi li: *"(1) Il-beni kollha li l-mizzewgin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jaghmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'ohra"*.

*alcun peso od altra condizione*" (**Vol. XXII P II p 116**). Dan in kwantu l-kaz odjern ma jaqax taht l-emendi ntrodotti bl-Att XVIII tal-2004. Interessanti li fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Sammut vs Grazia Refalo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.551) fit-30 ta' Gunju 1954, il-Qorti osservat li gialadarba s-sehem dovut hu n-natura ma kellux jigi sodisfatt b'ammont likwidu sakemm ma jkunx hemm il-kunsens tal-interessati kollha. Il-Qorti kompliet tghid li *"….ladarba l-legittima hija dovuta in natura, u jidher li l-fond mhux divizibbli komodament u minghajr hsara, huwa gust li l-legittimarji jibbenefikaw mill-konkorrenza tal-barranin fil-bejgh ta' l-istess fond"*. Tant hu hekk li filwaqt li qalet li assenjat lill-legittimarju s-sehem spettanti lilu bhala legittima fil-proprjeta` (1/12), ordnat il-bejgh bil-licitazzjoni tal-proprjeta` bl-ammissjoni ta' offerti barranin;

"iv. Ghal finijiet ta' kalkolu tas-sehem rizervat, "*si calcola sull'intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie*" (**Vol. IX pagna 297**). Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus. Fis-sentenza riportata fil-Volum XXXIII.i.472[5] inghad: *"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta' kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta' benificenza"*;

"v. Gialadarba ghalhekk *"skond il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad, jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni ta' l-ispecie taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`. **Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lill-legittimarju determinata speci ta' beni'*** (**Maria Wismayer et vs Ruggiero Wismayer et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti

[5] **Carmela Farrugia ne. et v. Concetta Mifsud et**.

Civili fit-22 ta' Mejju, 1950 - **Vol. XXXIV P II p 574**);*"Dan ifisser li l-legittimarju ma jistax jippretendi d-dritt li fil-legittima tieghu tigi mdahhla parti minn kwalunkwe wahda mis-sustanzi li jikkomponu l-assi patrimonjali tad-decujus.* ***Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu. Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in konsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima*** *u jkun hemm lok ghar-riduzzjoni taghhom fil-kaz li din tigi leza."* – "**Joseph Vella –vs- Anthony Bezzina et**", Appell, 20 ta' Novembru 1998[6]. Kif tajjeb gie osservat mill-Profs. V. Caruana Galizia: *"The law does not specify the kind of property which is to make up the legitim: it simply states that it is 'a portion of the property of the deceased'. On the other hand, the person to whom the legitim is due may not claim any portion of the property disposed of by the testator, either by donation or by will, unless he has thereby disposed of more than he is by law allowed"*[7]. Fil-kawza **Avvocato Enrico Carlo Vassallo nominee vs Giuseppina Mallia ed altri** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1930 (Vol. XXVII.i.451) gie sottolinejat li *"la legittima e' dovuta in natura, pero' il testatore ha il diritto di riservare per il legittimario una determinata specie di beni anzicche' una quota di tutti I singoli suoi beni. Il testatore puo' percio' lasciare per testamento tutti I beni mobile o immobili sino alla concorrenza della disponibile, e riservare pel legittimario solo beni mobili o immobili"*.

"vi. Peress li s-sehem rizervat hi porzjon li d-decujus ma jistax jiddisponi minnha, it-testatur lanqas ma jista' jimponi xi piz jew xi kundizzjoni fuqha (Art. 620 tal-Kodici Civili).

[6] Ara wkoll sentenza moghtija fit-3 ta' Ottubru 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fil-kawza **Orazio sive Grazio Cutajar v. Emmanuele Cutajar et**.
[7] *Notes on Law of Succession*, pagna 1,001.

“7. Ghal dak li huma valuri tal-proprjeta`, mir-rapport li ghamel il-perit tekniku u n-nota (fol. 90-91) prezentata waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar 2008, jirrizulta s-segwenti:

“(a) **28, Triq Qala, Nadur, deskritt fir-rapport tal-perit tekniku (prezentat fl-20 ta’ April 2007) a fol. 36.**

- “**Fiz-zmien li sar ir-rapport:** hamsa u tmenin elf lira Maltija (Lm85,000) (fol. 36).
- “**Fl-1997:** sebgha u erbghin elf erbgha mija u tlieta u sittin lira Maltija (Lm47,463) (fol. 90)
- “**Fl-2003**: sebgha u sittin elf tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm67,327) (fol. 90).

“(b) **Porzjon art fi Triq San Guzepp, Nadur ta’ circa 531 metri kwadri u garaxx bil-mandra mieghu fl-istess Triq, deskritti a fol. 37 tar-rapport imhejji mill-perit tekniku.**

- “**Fiz-zmien li sar ir-rapport:** mitejn u ghaxart elef lira Maltija (Lm210,000) (fol. 37).
- “**Fl-1997**: mija u sbatax il-elf mitejn u tnejn u sittin lira Maltija (Lm117,262) (fol. 90-91).
- “**Fl-2003**: mija u sitta u sittin elf tlett mija u disgha u tletin lira Maltija (Lm166,339) (fol. 90-91).

“(c) **93, Racecourse Street, Nadur deskritt fir-rapport tal-perit tekniku a fol. 37.**

- “**Fiz-zmien li sar ir-rapport**: mija u sittin elf lira Maltija (Lm160,000) (fol. 38).
- “**Fl-1997**: disgha u tmenin elf tlett mija u tliet u erbghin lira Maltija (Lm89,343) (fol. 90-91).
- “**Fl-2003**: mija u sitta u ghoxrin elf sebgha mija u erbgha u tletin lira Maltija (Lm126,734) (fol. 90-91).

“Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m’ghandix taddotta l-istimi li ghamel il-perit tekniku mehud ukoll in konsiderazzjoni li qeghdin f’kamp tekniku. Fil-kawza fl-ismijiet **Louis Gauci vs Angela Attard** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (Imhallef P. Sciberras) fid-9 ta’ Dicembru 2002, gie osservat li *“…. "il giudizio dell' arte"*

*espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtiegilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawk l-elementi assodanti li jwasslu ghal konvinciment"*. F'din l-istess sentenza saret riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell li nghatat fil-kawza **Philip Grima -vs- Carmelo Mamo et** deciza fid-29 ta' Mejju 1998, fejn jinghad dan:- *"Il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku jikkostitwixxu prova. Opinjoni li ghandha valur probatorju daqs kull prova ohra u li tibqa' tipprevali sakemm ma tigix kontrastata jew bi provi ohra li jikkontraducuwha jew altrimenti b'sottomissjonijiet tal-parti li jinnewtralizzawha bhala wahda mhux attendibbli u kredibbli."*. Ghalkemm hu minnu li fid-dikjarazzjoni *causa mortis* li ghamlet il-konvenuta (2 ta' Awwissu 1997 [fol. 62-65] u 6 ta' Lulju 2003 atti nutar Mariosa Grech [fol. 66-68]) l-valuri jvarjaw minn dawk moghtija mill-perit tekniku, hu fatt li dawk il-valuri gew dikjarati mill-konvenuta Maria Abela ghal finijiet ta' hlas ta' taxxa skond l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti (Att XVII tas-sena 1993). Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li l-konvenuti ma tawx spjega ta' kif waslu ghal dawk ic-cifri li jissemmw fil-causa mortis li ghamlet il-konvenuta Mary Abela. Dan mhux kaz ta' paragun bejn stima li ghamel il-perit tekniku u stima ta' perit *ex parte*. Lanqas ma ressqu xi argumenti li minhabba fihom din il-Qorti tkun gustifikata li tiddubita mill-istimi li ghamel il-perit tekniku. Hlief ghall-valuri li jissemmew fil-causa mortis li ghamlet il-konvenuta Mary Abela ma ssemma xejn iktar. Hu veru li Spirdione Formosa, ufficjal tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, xehed li *"Min-naha tad-dipartiment ahna ghamilna l-kalkoli taghna biex naraw illi t-taxxa li thallset hi konformi ma' dak li tipprovdi l-ligi. F'dan il-kaz partikolari ghamilna l-kalkoli taghna u l-kaz inghalaq"*. Pero` din id-dikjarazzjoni ma tistax titqies bhala prova sodisfacenti u li twassal sabiex il-Qorti tiskarta l-opinjoni tal-perit tekniku. Hu fatt maghruf li l-valuri li jissemmew f'causa mortis huma normalment konservattivi u meta l-proprjeta` tigi biex tinbiegh fis-suq ma jkunx hemm paragun bejn l-ammont dikjarat u l-prezz li ghalih tinbiegh il-proprjeta`. Dan apparti l-fatt li mill-provi lanqas ma rrizulta fuq liema valuri d-Dipartiment ghamel il-kalkoli tieghu.

"8. Ghal dak li hu kalkolu ta' legittima l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala **rijunjoni fittizzja**. Permezz ta' dan l-ezercizzju preliminari isir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (*disposable portion*) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jigi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem rizervat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-

"(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (*relictum*) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni;

"(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;

"(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni[8]. Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili jinghad li din il-proprjeta` *"shall be fictitiously added"* mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-proprjeta fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.

"B'hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji) **jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.** Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li *"is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-646"*. **F'kaz li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, ikun hemm lezjoni**

---

[8] *"Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights"* (Prof. Caruana Galizia fin-*Notes on Law of Succession*, pagna 1021).

**ta' legittima**. Pero` f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem rizervat (legittimarju) u dak li seta' rcieva minghand it-testatur *inter vivos* u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx[9]. Imbaghad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skond id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Fejn it-testatur ma jkunx qabez dak is-sehem il-legati ma jintmissux; *"il testatore, riservando determinante specie di beni come quota indisponibile del suo patrimonio, e' libero di disporre per testamento riguardo alla rimanente porzione, senza che il legittimario abbia alcun diritto di insorgere contro tali dispozioni, non piacendogli le specie dei beni lasciate nella quota indisponibile. Cosi' il chiaro scrittore (l.c. pag. 64) ritiene in proposito: 'Il testatore puo' lasciare per testamento tutti I beni mobile o immobili, sino alla concorrenza della disponibile, e riservare per legittimario soli beni mobile o immobili"* (**Avv. Enrico Carlo Vassallo nomine vs Giuseppina Mallia et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Frar 1930 – Vol. XXVII.i.451). L-Artikolu 651 tal-Kodici Civili jipprovdi:- *"Kemm-il darba d-disposizzjonijiet b'testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqata' l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji"*. Sabiex wiehed ikun jista' jifhem ahjar is-sinifikat ta' dan il-provvediment, utli li ssir riferenza ghall-ezempju moghti minn Profs. V. Caruana Galizia fejn jittratta s-suggett ta' riduzzjoni, *"Supposing the property left by will amounts to Lm3,000 or Lm2,500, and that no donatins were made in the first case and the value of the donations in the second case as Lm500, the estate, when re-instated, would amount tp Lm3,000 in both cases, the legitim due to an only child would be Lm1,000 and the disposable portion Lm2,000. In the first case the testamentary dispositions would exceed the disposable portion, and in the second case the testamentary dispositions would have been made as to Lm1,500 out of*

[9] Artiklu 620(4) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

*the disposable portion, and as to Lm1,000 out of the non-disposable portion. In both cases the said dispositions would not be reduced in their entirety, but only by the amount taken from the disposable portion, viz Lm1,000”* (*Notes on Law of Succession*, pagna 1030).

“9. Fid-data tal-mewt ta’ Maria Antonia Abela (**4/2/1997**), il-wirt taghha kellu dawn il-valuri (in-nofs tal-proprjeta`):-

- “28, Triq Qala, Nadur………………………………. Lm23,731.5.
- “Proprjeta` fi Triq San Guzepp,Nadur…………….... Lm58,631.
- “93, Racecourse Street, Nadur……………………… Lm44,671.50

“**TOTAL………………………………………………..**
**Lm127,034.**

“Fid-data tal-mewt ta’ Carlo Abela (**24/3/2003**), il-wirt tieghu kellu dawn il-valuri (in-nofs tal-proprjeta`):-

- “28, Triq Qala, Nadur…………………………….. Lm33,663.5.
- “Proprjeta` fi Triq San Guzepp, Nadur………… Lm83,169.5.
- “93, Racecourse Street, Nadur…………………. Lm63,367

“**TOTAL……………………………………………..**
**Lm180,200.**

“Ma tressqux provi li kien hemm proprjeta` ohra fl-eredita`[10] u wisq inqas provi ta’ xi dejn jew donazzjonijiet li setghu saru mit-testaturi. Ghalkemm fit-testment tal-21 ta’ Awwissu 1985 jinghad fit-Tmien Artiklu *“Jiddikjaraw illi huma gia kkumpensaw adegwatament lill-binthom l-ohra*

[10] Fir-rigward tal-kont bankjarju mizmum mal-HSBC Bank Malta plc (fol. 48-51) f’isem it-testatur Carlo Abela, jirrizulta li nghalaq qabel id-data tal-mewt tieghu.

*Katerina mart Eddie Schwara bi flus kontanti matul hajjithom”*, provi ma tressqux u l-Qorti ma tistax taghmel kongetturi (fol. 9).

“M’hemmx dubju li mill-provi li tressqu jirrizulta li t-testaturi ddisponew minn sehem ikbar minn dak li setghu jiddisponu minnu u dan in kwantu jirrizulta li ddisponew mill-gid kollu permezz ta’ legati.
Peress li skond il-ligi l-werrieta huma sitta (il-konjugi Abela kellhom sitt itfal), is-sehem rizervat hu ta’ nofs (1/2)[11], li jfisser illi kull wild ghandu sehem minn tnax (1/12) bhala s-sehem rizervat (legittima). Hu evidenti li l-genituri ddisponew mill-gid kollu permezz ta’ legati, u ghalhekk m’hemmx minn fejn jithallas dak li jispetta lill-atturi bhala sehem rizervat. Ma tressqux provi li hemm xi assi ereditarji ohra u ghalhekk m’hemmx dubju li jrid isir tnaqqis tal-legati; *“Jekk imbaghad it-testatur ikun ecceda l-parti indisponibbli fis-sens li din ma tkun bizzejjed biex tissodisfa l-legittima, allura f’ dan kaz illegati jigu ridotti sa kemm ikun necessarju biex tigi reintegrata il-porzjoni riservata lill-legittimarji ex lege”* (**Silvana Zammit et vs Antoinette Meilak et**[12] deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Ottubru 2003). Ghalkemm ma saritx talba f’dan is-sens fic-citazzjoni, il-legatarji (Maria Abela, George Abela u Rita Xuereb) huma parti fil-kawza u bilfors irid isir dan l-ezercizzju sabiex l-atturi jkunu jistghu jithallsu dak li hu dovut lilhom. F’kull kaz dan l-ezercizzju jista’ jsir ukoll b’applikazzjoni tal-principju tal-ekwipollenza. F’dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenzi **Vincenzo Zammit vs Avukat Dr. Antonio Caruana** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Mejju 1952 (Vol. XXXVI.i.105) u **Giuseppe Attard et vs Pasquale Attard et** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Ottubru 1950 (Vol. XXXIV.ii.675). Sabiex l-atturi jkunu jistghu jithallsu l-legittima, jew ahjar kif inhi maghrufa wara l-emendi li dahlu fis-sehh fl-2004 is-sehem rizervat, ta’ bilfors irid isir dan l-ezercizzju. Dan fis-sens li ghal finijiet tat-talba ta’ likwidazzjoni ta’ legittima gialadarba rrizulta li d-decujus

[11] *“la legittima d’un figlio legittimo, se I figli sono cinque o piu`, e` la meta dei beni del defunto divisibile fra utti I figli che ne partecipano, dedotte le spese funerarie ed I debiti”* (Vol. X.564).
[12] Imhallef Noel Cuschieri.

kienu bid-disposizzjonijiet li ghamlu eccedew il-parti disponibbli in kwantu iddisponew mill-gid kollu taghhom permezz ta' legati, m'hemmx triq ohra ghajr ir-riduzzjoni tal-legati kontemplati mil-ligi stess.

"10. Skond l-Artikolu 653 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

"*(1) Meta l-legat suggett ghat-tnaqqis ikun ta' haga li minnha l-bicca li taqbez is-sehem li minnu t-testatur seta' jaghmel tista' tinfired bla xkiel u bla hsara, it-tnaqqis isir bil-mezz ta' din il-firda.*

"*(2) Izda, kemm-il darba din il-firda ma tkunx tista' ssir minghajr xkiel u hsara, il-legatarju jista' jekk irid, ihallas bi flus dak li jkun imissu jaghti lill-parti li tkun qieghda titlob it-tnaqqis"*.

"Mehud in konsiderazzjoni li s-sehem li ghandhom l-atturi (wiehed minn tnax-il parti [1/12]) bhala sehem mill-beni li jikkomponu l-assi ereditarji tal-genituri taghhom, m'hemmx dubju li t-tnaqqis tal-legati ma jistax isir *"bla xkiel u bla hsara"* permezz tal-firda. Dak li l-legatarji jridu jaghtu lil kull wiehed mill-atturi hi parti minn tnax (1/12) fil-proprjeta` li thalliet lilhom b'legat. Dan hu s-sehem li trid tittiehed mill-proprjeta` legata ghal finijiet ta' tnaqqis tal-legat. Pero` l-ligi tirrizerva l-jedd lill-legatarju li jhallas bi flus dak li jkollu jaghti lill-parti ntitolata tircievi. Minn qari ta' dan il-provvediment jidher li fil-kaz ta' riduzzjoni ta' legati, il-legislatur ried li jhalli d-diskrezzjoni f'idejn il-legatarji ta' x'ghandu jsir u ghalhekk din il-Qorti ma tikkunsidrax li ghandha timponi l-hlas ta' flus gialadarba l-ghazla thalliet f'idejn il-legatarju. Mix-xhieda ta' Mary Abela u d-dokumenti li pprezentat mal-affidavit, jidher li l-konvenuti (il-prelegatarji li bbenefikaw) kienu disposti li jhallsu lill-attur fi flus pero` ma ntlehaqx ftehim bejniethom dwar l-ammont li kellu jithallas in kwantu l-konvenuti qeghdin jippretendu li l-kalkoli jsiru fuq il-valur moghti lill-proprjeta` mill-konvenuta Mary Abela meta ghamlet il-causa mortis tal-genituri. Dan ifisser li qeghdin jippretendu li l-valur ghandu jigi kalkolat fuq stima tal-proprjeta` li tirreferi ghaz-zmien tal-apertura tas-successjoni. Mehud in konsiderazzjoni ta' dak li ser jinghad dwar iz-zmien

rilevanti ghall-finijiet ta’ kalkolu tal-ammont li ghandu jithallas mill-legatarji jekk joptaw (skond l-Artikolu 653[2] tal-Kodici Civili) li jhallsu fi flus dak li jmisshom l-atturi, il-Qorti ma tqiesx li jkun gust li tikkonkludi li l-konvenuti diga’ ghazlu li jhallsu fi flus.

“Ghal dak li hu valur (jekk il-legatarju jaghzel li jhallas il-flus) hemm kontestazzjoni dwar iz-zmien rilevanti li ghandu jitqies u dwar dan trid tiddecidi l-Qorti. Il-konvenuti jsostnu li ghandu japplika l-valur fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni. Min-naha l-ohra l-atturi jsostnu li l-kalkolu ghandu jsir fuq il-valur tal-assi ereditarji fid-data tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat. Din il-Qorti diga’ kellha l-opportunita` li tittratta fid-dettall kwistjoni simili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Portelli proprio et nomine et vs Rita Portelli** (Cit. nru:- 70/1993) f’provvediment li tat fis-26 ta’ Settembru 2007, u ma tara l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddipartixxi mill-konsiderazzjonijiet legali li ghamlet u l-konkluzjoni li waslet ghaliha u anzi qeghda taddottahom fl-intjier. Fl-imsemmi digriet il-Qorti kkonfermat li fil-kaz fejn it-testatur ikun qabez is-sehem li seta’ jiddisponi minnu, *“Fir-rigward ta’ dik il-proprjeta` li tkun regghet iddahhlet fil-patrimonju tat-testatur b’rizultat ta’ dan l-ezercizzju ta’ riduzzjoni, ghal finijiet ta’ valutazzjoni din ukoll ghandha ssir b’riferenza ghaz-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali in kwantu kif rajna jista’ jaghti l-kaz li l-Qorti tordna li l-hlas isir fi flus u mhux f’beni”*. Ghalhekk jekk wiehed ser jigi biex ihallas fi flus l-ekwivalenti ghas-sehem li l-legittimarju ghandu mill-beni li thallew b’legat, wiehed ghandu jqies il-valur li hu l-iktar vicin tas-sentenza. F’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili[13] fit-12 ta’ Ottubru 2007 fil-kawza **Frank Caruana et vs Vincent Caruana et**, il-Qorti ghamlet riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Concetta Vella et vs Giuseppe Bugeja et** deciza fl-10 ta’ Dicembru 1973 u li wkoll kien tittratta l-kaz ta’ talba ghall-hlas tas-sehem rizervat; *“li qieghda tghid din is-sentenza hu illi, sabiex tara jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta’ jiddisponi minnha, trid tqis il-valuri taz-zmien meta nfetah il-wirt; jekk izda ssib illi t-testatur tassew iddispona*

---

[13] Imhallef G. Caruana Demajo.

*minn aktar mis-sehem disponibbli***, *min ikollu jedd ghal sehem rizervat ikollu dak is-sehem fuq il-beni kollha tal-wirt, u dak is-sehem, naturalment, ikun jiswa aktar jew anqas skond kemm, bejn iz-zmien tal-ftuh tal-wirt u z-zmien tal-hlas tas-sehem rizervat, jikber jew jickien il-valur ta' l-assi tal-wirt.*** *Ghalhekk, meta jigu biex jinqasmu l-assi, dan isir skond il-valur taz-zmien tal-qasma".* F'dik il-kawza peress li ma kienx hemm lezjoni ta' legittima u kien hemm bizzejjed gid minn fejn tithallas is-sehem rizervat, il-kalkoli saru fuq il-valur tal-fond fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni. Il-valur li jrid jithallas fi flus, dejjem jekk il-konvenuti jaghzlu dik it-triq skond ma jiddisponi l-Artikolu 653(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16), ghandu jkun jirrifletti l-valur tal-proprjeta` li fiha l-legittimarju ghandu dritt ghal sehem in kwantu kif rajna l-legittima hija porzjoni tal-beni tad-decujus rizervata mil-ligi favur id-dixxendenti.

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti tiddeciedi t-talbiet tal-attur nomine b'dan il-mod:

"(1) Tiddikjara li l-assi ereditarji tal-mejtin Carlo u Maria Antonia konjugi Abela jikkonsistu fil-proprjeta` li tissemma f'paragrafu numru disgha (9) ta' din is-sentenza.

"(2) Tillikwida l-legittima li tmiss lil kull wiehed mill-atturi, ghas-saldu ta' kwalsiasi jedd li jista' ghandhom[14], fis-sehem ta' parti wahda minn tnax (1/12) fil-beni elenkati f'paragrafu numru disgha (9) ta' din is-sentenza u tiddikjara u tordna li l-atturi ghandhom kull wiehed parti wahda minn tnax (1/12) ta' kull wiehed mill-immobbli li thallew bi prelegat, bi dritt li b'applikazzjoni tal-Artikolu 653 tal-Kodici Civili (Kap. 16) kull wiehed mil-legatarji jhallsu minflok fi flus dak li jmiss lill-atturi – igifieri:-

"(a) **Mary Abela** – wiehed parti minn tnax (1/12) lil kull wiehed mill-atturi tal-valur tal-proprjetajiet li thallew lilha b'legat, liema sehem ghandu jigi kalkolat fuq l-istima li

[14] Il-Qorti salv ghas-sehem rizervat li qieghed jigi assenjat lilhom b'din is-sentenza m'ghandhom l-ebda drittijiet ohra fil-konfront tal-konvenuti ghal dik li hi successjoni ta' Carlo u Maria Antonia Abela.

ghamel il-perit tekniku[15] fl-ammont ta' hames mija u sebghin elf sitt mija u sitta u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€570,696.48) ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u erbghin elf lira Maltija (Lm245,000) (fol. 36 u 38 tar-rapport prezentat fl-20 ta' April 2007).

"(b) **Rita Xuereb** – wiehed parti minn tnax (1/12) lil kull wiehed mill-atturi tal-valur tal-proprjeta` li thalliet lilha b'legat, liema sehem ghandu jigi kalkolat fuq l-istima li ghamel il-perit tekniku[16] fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin elf disgha mija u sebgha u tletin euro u erbgha u tletin centezmu (€232,937) ekwivalenti ghal mitt elf lira Maltija (Lm100,000)[17] (fol. 37 tar-rapport prezentat fl-20 ta' April 2007).

"(c) **George Albert Abela** – wiehed parti minn tnax (1/12) lil kull wiehed mill-atturi tal-valur tal-proprjeta` li thalliet lilu b'legat, liema sehem ghandu jigi kalkolat fuq l-istima li ghamel il-perit tekniku[18] fl-ammont ta' mitejn u sitta u hamsin elf mitejn u wiehed u tletin euro u sebgha centezmi (€256,231) ekwivalenti ghal mija u ghaxart elef lira Maltija (Lm110,000) (fol. 37 tar-rapport prezentat fl-20 ta' April 2007).

"(3) Tillibera lill-konvenut Joseph Abela mill-osservanza tal-gudizzju.

"(4) Ghal dawk li huma frutti, peress li mill-provi ma rrizultax li l-proprjeta` qeghda thalli xi dhul, tichad it-talba.

"(5) Ghal fini ta' pubblikazzjoni tal-att relattiv, tinnomina lin-nutar Dr. Christian Zammit u lil Dr. Jean Paul Grech ghall-eventwali kontumaci, liema att ghandu jigi ppubblikat nhar it-Tnejn tnejn (2) ta' Gunju 2008 fil-11.00 a.m. fil-bini tal-Qorti jew f'data ohra li tista tordna l-Qorti wara li ssir talba f'dan is-sens permezz ta' rikors, b'dan li sa dakinhar u b'applikazzjoni ta' dak li jghid l-Artikolu 653(2) tal-Kodici

---

[15] Il-valur tal-proprjeta` fiz-zmien li ra l-perit tekniku.
[16] Il-valur tal-proprjeta` fiz-zmien li ra l-perit tekniku.
[17] Qeghda tigi stabbilita din is-somma in kwantu mill-atti jirrizulta li l-proprjeta` li messet lill-konvenut George Albert Abela ghandha garaxx mibni u l-perit tekniku ma ghamilx distinzjoni fl-ammonti u ffissa ammont wiehed ghall-proprjeta` kollha.
[18] Il-valur tal-proprjeta` fiz-zmien li ra l-perit tekniku.

Civili (Kap. 16) il-konvenuti jkollhom dritt li jhallsu fi flus dak li hu dovut lill-atturi liema ammont ghandu jigi kalkolat kif inghad hawn fuq (ara paragrafu numru tnejn (2) tal-parti dispozittiva tas-sentenza).

“Spejjez jithallsu in kwantu ghal nofs mill-konvenuta Mary Abela, u n-nofs l-iehor jinqasam f’sehem ugwali bejn il-konvenuti Rita Xuereb u George Albert Abela.”

**Rikors tal-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha ghal fini ta’ riforma. L-aggravji tagħhom huma tnejn:

(1) L-aggravju principali jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti meta ġiet biex tillikwida l-leġittima, għamlet dan billi kkalkolat is-sehem riservat fuq il-valur tal-proprjetajiet immobbli meta sar ir-rapport tal-perit tekniku u mhux fuq il-valur tal-proprjetajiet fiż-żmien meta nfetħu s-successjonijiet rispettivi tal-ġenituri. L-appellanti jagħmlu riferenza għall-kawżi **Emilia Maria Mifsud et v. Eleonora Mizzi et** (deċiża mill-Qorti tal-Appell, fl-14 ta’ Dicembru 1973) u **Francesco Caruana vs Nazzareno Caruana et** (deċiża mill-Prim Awla, fil-1 ta’ Marzu 2004, li tirreferi ukoll għas-sentenza mogħtija f’Mifsud vs Mizzi) u jsostnu li s-sehem riservat kellu jinħadem skond il-valuri li l-perit tekniku ta lill-proprjetajiet għas-snin 1997 u 2003 u mhux għas-sena li fiha sar ir-rapport. Fil-fehma tagħhom il-valur tas-sehem riservat kellu jinħadem fuq: (1) nofs il-valur tal-proprjetajiet fis-sena 1997 (fir-rigward tas-successjoni ta’ omm il-partijiet) u (2) nofs il-valur tal-proprjetajiet fis-sena 2003 (fir-rigward tas-successjoni ta’ missier il-partijiet).

(2) It-tieni aggravju jirrigwarda l-“iżball” tal-ewwel Qorti meta waslet biex tagħmel il-komputazzjoni tas-sehem riservat. L-appellanti jissottomettu li meta l-ewwel Qorti ġiet sabiex tniżżel il-valuri tal-varji immobbli, hija tat valuri differenti minn dawk li rredieġa l-perit tekniku u ukoll iffissat somma arbitrarjament. L-appellanti jħossu li dawn il-valuri huma arbitrarji u għalhekk inaccettabli.

(3) Fir-rigward tal-ispejjeż, l-appellanti jissottomettu li anke jekk ġeneralment il-leġittimarji ma jbatu l-ebda tip ta' spejjeż, f'dan il-każ partikolari u minħabba l-fatt li kellu jsir dan l-appell, jekk din il-Qorti jidhrilha li għandha tilqa' l-appell, l-ispejjeż inkorsi mill-appellanti f'dan ir-rigward għandhom ibatuhom l-appellati.

L-appellat nomine ma ppreżenta l-ebda risposta għar-rikors tal-appell.

Jigi rilevat li fil-mori tas-sentenza, l-appellat nomine pprezenta rikors ta' natura kjarifikatorja fil-mertu, li dwaru nghata digriet fl-1 ta' April 2010, u li dwaru ma kien hemm ebda risposta min-naha tal-appellanti.

**Kunsiderazzjonijiet**

L-ewwel aggravju

L-appellanti jibdew billi (korrettement) jissottomettu li hemm żewġ stadji li għandhom jiġu kkonsidrati fil-komputazzjoni tal-leġittima: (1) l-ewwel stadju huwa sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tal-porzjoni tal-leġittima dovuta lil-leġitimarju, u (2) it-tieni stadju jirreferi għal-likwidazzjoni ta' dik il-leġittima billi jiġi estrapolat dak li għandu jingħata lil-leġittimarju in sodisfazzjon tad-dritt tiegħu.

L-atturi jargumentaw illi f'din il-kawża qed tiġi kkontestata biss il-likwidazzjoni tal-leġittima għaliex ma hemmx kwistjoni jew talba illi bil-laxxiti li għamel id-*decujus* ġie leż id-dritt tal-leġittima, u li sabiex jiġi kkalkolat dan is-sehem riservat għandu jittieħed il-valur ta' meta nfetħet is-successjoni.

L-ewwel Qorti kienet spjegat li l-punt tat-tluq sabiex tiġi kkalkolata l-leġittima huwa dak li jissejaħ bħala riunjoni fittizja: permezz ta' dan l-eżercizzju preliminari jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu u dik il-parti li ma setax jiddisponi minnha. Huwa b'dan il-mod li jkun jista' jiġi determinat jekk kienx hemm leżjoni tas-sehem riservat jew le. Issa fil-każ in kwistjoni jirriżulta li l-ġenituri

tal-kontendenti ddisponew mill-ġid kollu permezz ta' legati u għalhekk jirriżulta li m'hemmx minn fejn jitħallas dak li jispetta lill-atturi bħala sehem riservat. Għalhekk biex titħallas il-leġittima il-legati jridu jiġu ridotti. Għalkemm ma saritx talba f'dan is-sens fic-citazzjoni bilfors li jrid isir dan l-eżercizzju.

L-appellanti jirreferu għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża **Emilia Maria Mifsud et v. Eleonora Mizzi et**, 14 ta' Dicembru 1973. F'din is-sentenza kienet saret referenza għal kawża oħra fl-ismijiet **Concetta Vella et v. Giuseppe Bugeja et**, deċiża erbat ijiem qabel fl-10 ta' Dicembru 1973 mill-istess Qorti tal-Appell u ġie osservat li meta jkun qed isir l-eżercizzju preliminari li permezz tiegħu jiġi rikostruwit l-patrimonju tad-*decujus*, il-valuri li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni huma dawk tal-assi tad-*decujus* fil-mument tal-apertura tas-successjoni, jigifieri li,
"Kif ingħad f'dik is-sentenza[19], kwantu għall-valutazzjoni tal-beni in konnessjoni mad-determinazzjoni tal-porzjon leġittima, li hi l-materja involuta anke f'dan l-appell, il-Qorti taħseb li m'għandux ikun hemm kwistjoni, in bażi għall-principji (ara in partikolari art. 684 Kodici Civili) li għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hi r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarji in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta' riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-każ – tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni leġittima) bilfors wieħed irid jirriporta ruħu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni."

Issa għal dak li jirrigwarda l-komputazzjoni tal-valur tal-assi ereditarji in kwistjoni, l-ewwel Qorti sabet li fid-data tal-mewt tal-omm (4 ta' Frar 1997) il-wirt tagħha kellu valur ta' Lm127,671.50, filwaqt li fid-data tal-mewt tal-missier (24 ta' Marzu 2003) il-wirt tiegħu kellu valur ta' Lm180,200. Mill-provi li tressqu rriżultalha li t-testaturi

[19] **Vella v. Bugeja**, Qorti tal-Appell, 10 ta' Dicembru 1973

ddisponew minn sehem akbar minn dak li setgħu jiddisponu minnu peress li ddisponew mill-ġid kollu permezz ta' legati.

L-ewwel Qorti spjegat li jekk wieħed ser jiġi biex iħallas fi flus l-ekwivalenti għas-sehem li l-leġittimarju għandu mill-beni li tħallew b'legat, wieħed għandu jqis il-valur li hu l-iktar vicin tas-sentenza. Hija rreferiet għas-sentenza mogħtija mill-Prim Awla fil-kawża **Frank Caruana et v. Vincent Caruana et**, 12 ta' Ottubru 2007 liema sentenza tirreferi wkoll għall-kawża **Concetta Vella et v. Giuseppet Bugeja et**, 10 ta' Dicembru 1973 fejn ġie ritenut li biex jiġi stabbilit jekk it-testatur iddisponiex minn aktar mis-sehem li seta' jiddisponi minnu wieħed irid iqis il-valuri taż-żmien meta nfetaħ il-wirt, iżda jekk jirriżulta li t-testatur illeda l-leġittima, meta jiġu biex jinqasmu l-assi dan isir skond il-valur taż-żmien tal-qasma.

Din il-Qorti fuq dan il-punt terġa' tagħmel riferenza għall-sentenza **Emilia Maria Mifsud et v. Eleonora Mizzi et**, l-istess sentenza imsemmija mill-appellanti. Kif diġa ġie spjegat, il-Qorti tal-Appell f'din is-sentenza kienet irriteniet li meta jkun qed isir l-eżercizzju preliminari li permezz tiegħu jiġi rikostruwit l-patrimonju tad-*decujus*, il-valuri li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni huma dawk tal-assi tad-*decujus* fil-mument tal-apertura tas-successjoni. Il-Qorti tal-Appell f'dik is-sentenza ma waqfitx hemm iżda kompliet tgħid hekk:
"Dan il-principju jeżawrixxi ruħu fil-fissazzjoni tal-kriterju li għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima; iżda jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta, u trattandosi ta' beni in natura (mhux flus) ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioe` iż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja". (sottolinejar tal-Qorti)

Dan il-paragrafu (li l-appellanti għoġobhom ma jikkwotawhx presumibbilment għaliex imur kontra dak li

qegħdin jippretendu huma) jikkonferma l-pożizzjoni li ħadet l-ewwel Qorti: u cioe` li jekk jirriżulta li l-leġittima ma tistax tiġi sodisfatta u allura tikkonverti ruħha fi dritt ta' kreditu fi flus, il-valuri li jridu jittieħdu sabiex tinħadem il-leġittima għandhom ikunu dawk l-iktar vicin tas-sentenza. Dan il-principju ġie ripetut f'kawżi iktar ricenti bħal **Mary Anne Zammit et v. Antonia Ellul et**, deciża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 u **Salvatore Cutajar et nomine v. Maria Dolores Cutajar et nomine**, deciża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ġunju 2009.

L-appellanti jippruvaw javvanzaw argument ieħor permezz ta' riferenza għal sentenza oħra deciża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2004, **Francesco Caruana v. Nazzareno Caruana et**. Hawnhekk il-Qorti kienet iddistingwiet bejn sitwazzjonjiet fejn (1) il-werrieta jkunu aljenaw bicca mil-ġid tal-wirt wara l-ftuħ tiegħu, u (2) il-każijiet fejn il-ġid li minnu kellha tittieħed il-leġittima baqa' kollu f'idejn il-werrieta:
"Fl-ewwel ipoteżi il-kriterju kellu jkun li l-valur tal-ġid hekk trasferit kellu jitqies bħala dak taż-żmien meta sejra tiġi likwidata l-kwota leġittimarja bis-sentenza. Fil-każ tat-tieni ipoteżi, jiġifieri fejn kollox baqa' f'idejn il-werrieta, il-valur tal-ġid kellu jkun dak fiż-żmien li nfetaħ il-wirt…"

L-appellanti għalhekk qegħdin jargumentaw illi ladarba ma kienx hemm aljenazzjoni mill-werrieta ta' xi parti mill-eredita`, kellha tiġi applikata t-tieni ipoteżi u għalhekk meta l-ewwel Qorti ġiet biex tevalwa x' kellu jkun is-sehem riservat dan kellha tagħmlu fuq il-valur tal-proprjetajiet meta nfetħet is-successjoni u mhux fuq il-valur ta' issa. Fil-każ odjern, pero`, għalkemm huwa minnu li l-ebda parti mill-proprjeta` ma ġiet aljenata, għandna sitwazzjoni fejn t-testaturi ddisponew minn sehem akbar minn dak li setgħu jiddisponu minnu u għalhekk il-leġittima ġiet leża. Ladarba l-leġittima ġiet leża u konvertiet ruħha fi kreditu fi flus, rajna kif l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien l-iktar qrib tal-pronunzja ġudizzjali. Fil-fatt dwar din "it-tieni ipoteżi", il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Francesco Caruana v. Nazzareno Caruana et** tkompli tgħid hekk:
"Fil-każ tat-tieni ipoteżi, jiġifieri fejn kollox baqa' f'idejn il-werrieta, il-valur tal-ġid kellu jkun dak fiż-żmien li nfetaħ il-

wirt, u b’mod iżjed preċiż “li għall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta’ komputa li hi r-riunjoni fittizja tal-assi ereditarji in kwantu diretta għar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus (li l-liġi tikkunsidra bħala terminu ta’ riferiment għad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b’ rifless ta’ dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f’dan il-każ – tiġi affermata jew eskluża l-eżistenza tal-leżjoni leġittima) bilfors wieħed irid jirriporta ruħu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont naturalment f’dan ir-rigward tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi relattivi għall-kollazzjoni.”

Kif rajna iżjed ’il fuq, dan il-kriterju għandu jiġi segwit għall-kalkolu tal-valur tal-assi u tal-kwota tal-leġittima iżda meta l-leġittima hija leża, il-likwidazzjoni tal-leġittima trid tinħadem fuq il-valur li hu l-iktar vicin is-sentenza.

L-ewwel aggravju għalhekk jirriżulta infondat.

It-tieni aggravju

It-tieni aggravju jirrigwarda l-“iżball” tal-ewwel Qorti meta waslet biex tagħmel il-komputazzjoni tas-sehem riservat. L-appellanti jissottomettu li meta l-ewwel Qorti f’paġna tmintax tas-sentenza tagħha ġiet sabiex tniżżel il-valuri tal-oġġetti varji immobbli, hija tat valuri differenti minn dawk li rrediega l-perit tekniku u ukoll iffissat somma arbitrarjament.

Huma jilmentaw li fir-rigward tal-proprjeta` li tinsab 93, Racecourse Street Nadur, il-perit ta valur ta’ Lm210,000 iżda l-ewwel Qorti attribwiet valur ta’ Lm245,000. Dan mhux minnu. Il-Qorti ma attribwietx valur ta’ Lm245,000 lill-proprjeta` li tinsab 93, Racecourse Street, Nadur, Ghawdex, kif qegħdin jallegaw l-appellanti iżda dan l-ammont ta’ Lm245,000 li ssemmi l-ewwel Qorti jirrappreżenta t-totali ta’ żewġ valuri: Lm85,000 (il-fond numru 28, Qala Rd, Nadur) u Lm160,000 (il-fond numru 93, Racecourse Street, Nadur, għax fil-fatt il-perit ivvaluta l-fond 93, Racecourse Street, Nadur, fl-ammont ta’

Lm160,000 u mhux Lm210,000 kif qed jgħidu erronjament l-appellanti).

Fir-rigward tal-proprjeta` fi Triq San Ġwann, Nadur, l-appellanti jissottomettu li l-perit ta valur ta' Lm210,000, u l-ewwel Qorti stabbiliet somma hija stess għaliex il-perit tekniku ma ħax in konsiderazzjoni l-fatt li hemm garaxx mibni u għalhekk iffissat is-somma arbitrarja ta' Lm100,000. Li ġara hu li fir-rigward tal-bicca art fi Triq Dun Ġużepp Vella, Nadur u l-garaxx bil-mandra miegħu fl-istess triq, il-perit ta l-valur kumplessiv ta' Lm210,000. L-ewwel Qorti spjegat li l-proprjeta` li messet lill-konvenut George Albert Abela għandha garaxx mibni u l-perit ma għamilx distinżjoni fl-ammonti u ffissa ammont wieħed għall-proprjeta` kollha. Għalhekk mis-somma ta' Lm210,000 rappreżentanti s-somma taż-żewġ proprjetajiet li messew lil George Albert Abela u lil Rita Xuereb rispettivament, il-Qorti apporzjonat Lm110,000 għal dik il-parti li fiha l-garaxx u Lm100,000 għal dik il-parti mhux mibnija. Din il-Qorti ma tħossx li b' daqshekk l-ewwel Qorti iffissat somma "arbitrarjament". Ta' min jirrileva li l-bicca art li l-ewwel Qorti ivvalutat bħala Lm100,000 hija ta' circa 531 metri kwadri filwaqt li fir-rigward tal-garaxx, il-perit irrileva li "*Il-garaxx fih 3.8 metri u 10.2 metri fond. L-arja superficjali inkluż il-garaxx tammonta għal circa 510 metri kwadri*". Din il-Qorti hija tal-fehma li l-mod kif l-ewwel Qorti qasmet l-ammont kumplessiv ta' Lm210,000 f'ammonti ta' Lm110,000 u Lm100,000 ma kienx wieħed arbitrarju iżda kien wieħed raġjonevoli u bażat fuq konsiderazzjoni tal-kejlijiet tal-proprjetajiet relattivi u l-fatt li parti hija mibnija u parti le.

Fl-aħħarnett fir-rigward tal-proprjeta` 28, Triq Qala, Nadur, l-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti attribwiet il-valur ta' Lm110,000 minflok il-valur ta' Lm85,000 li kien ta l-perit tekniku. Dan mhux korrett. Kif diġa` ġie spjegat *supra*, l-ammont ta' Lm85,000 relattiv għall-proprjeta` 28, Triq Qala, Nadur, ġie magħdud mal-ammont ta' Lm160,000 relattiv għall-fond 93, Racecourse Street, Nadur, bħala fondi li messew lil Mary Abela.

Għalhekk dan it-tieni aggravju huwa infondat għall-aħħar. Isegwi li ma hemm ebda lok li jigi kkunsidrat it-tielet aggravju.

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeciedi dan l-appell billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta’ dan l-appell jithallsu mill-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------